EBA EUROPEAN BANKING AUTHORITY · ESMA European Securities and Markets Authority · eiopa European Insurance and Occupational Pensions Authority · MFSA MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY



# KIF JAFFETTWAW IL-FLUS TIEGĦI L-INFLAZZJONI U Ż-ŻIEDA FIR-RATI TAL-IMGĦAX?

**L-inflazzjoni hija żieda ġenerali fil-livell tal-prezzijiet tal-prodotti u s-servizzi, fuq perjodu ta' żmien. Fi kliem sempliċi, tista' tixtri inqas illum milli stajt ilbieraħ bl-istess ammont ta' flus.**

**Biex jikkontrollaw l-inflazzjoni, il-banek ċentrali jżidu r-rati tal-imgħax li huma jitolbu fuq self lil banek kummerċjali. Il-banek kummerċjali mbagħad jgħaddu dawn ir-rati ogħla lill-klijenti tagħhom.**

**Dan ifisser li l-inflazzjoni tista' taffettwa:**

- **is-self tiegħek;**
- **it-tfaddil tiegħek;**
- **l-investimenti finanzjarji tiegħek;**
- **il-pensjonijiet tiegħek*;**
- **l-assigurazzjoni tiegħek;**
- **kwalunkwe prodott finanzjarju ieħor li għandek.**

* F'din l-iskeda informattiva, "pensjonijiet" ma tkoprix l-iskemi tal-pensjonijiet tal-istat.

## X'inhu l-impatt tal-inflazzjoni u żieda fir-rati tal-imgħax fuq is-self u t-tfaddil attwali u futuri tiegħi?

Meta r-rati tal-imgħax jogħlew, il-prezz li tħallas biex tissellef il-flus (l-imgħax) ikun ogħla: inti tista' tħallas rati tal-imgħax ogħla fuq self ġdid u potenzjalment tkun tista' tissellef inqas minn qabel. L-impatt fuq is-self eżistenti tiegħek jista' jvarja wkoll skont jekk għandekx self b'rata fissa jew varjabbli. Tista' tistenna li t-tfaddil tiegħek jikber minħabba l-pagamenti tal-imgħax imħallsa mill-bank tiegħek fuq il-kontijiet ta' tfaddil tiegħek. Madankollu, b'dan it-tfaddil, tkun tista' tixtri biss aktar minn qabel jekk ir-rata tal-imgħax reali tkun pożittiva. Ara l-iskeda informattiva settorjali għal aktar dettalji.

## X'inhu l-impatt tal-inflazzjoni fuq l-investimenti finanzjarji attwali u futuri tiegħi?

Għandek tqis l-inflazzjoni fl-istrateġija tal-investimenti tiegħek. L-inflazzjoni tnaqqas il-qligħ reali fuq l-investimenti finanzjarji u tnaqqar il-kapaċità tal-akkwist tiegħek. Fi kliem ieħor, l-investimenti tiegħek jistgħu jkollhom valur inqas meta jkollok bżonn tużahom. L-inflazzjoni tista' taffettwa tipi differenti ta' strumenti finanzjarji b'mod differenti. Ara l-iskeda informattiva settorjali għal aktar dettalji.

## X'inhu l-impatt tal-inflazzjoni fuq il-pensjonijiet u l-assigurazzjonijiet tiegħi?

L-inflazzjoni jista' jkollha impatt fuq l-ispejjeż tal-assigurazzjoni tiegħek (il-primjum tiegħek), il-kopertura tiegħek u l-ħlasijiet tiegħek. Ir-riskju tal-inflazzjoni se jkun preżenti matul l-irtirar tiegħek. Irrispettivament minn kemm tkun ilek tikkontribwixxi, it-tfaddil tal-pensjoni tiegħek jista' ma jiġix aġġustat għar-rata tal-inflazzjoni. Ara l-iskeda informattiva settorjali għal aktar dettalji.

# 5 punti ewlenin li għandek iżżomm f'moħħok sabiex tiġġestixxi l-finanzi tiegħek f'kuntest ta' inflazzjoni u ta' żieda fir-rati tal-imgħax

1

## Kun af kemm qed tonfoq u fuq xiex qed tonfoq

L-inflazzjoni żżid l-għoli tal-ħajja. Għalhekk, hija idea tajba li tiċċekkja jekk għandekx bżonn taġġusta l-infiq tiegħek. Agħmel dan qabel ma tieħu kwalunkwe deċiżjoni finanzjarja. Dan se jgħinek tifhem u tippjana aħjar il-finanzi tiegħek u tuża l-introjtu tiegħek b'mod effiċjenti. Dawn huma xi ftit suġġerimenti biex tagħmel baġit sempliċi:

- Elenka l-introjtu u l-ispejjeż kollha ta' kull xahar/sena u ċċekkja r-rendikonti tal-bank u tal-karta ta' debitu/kreditu tiegħek mix-xhur li għaddew. Ħafna siti web u apps joffru għodod tal-ibbaġitjar li jistgħu jgħinuk toħloq baġit. Tista' wkoll tistaqsi lill-bank jew lill-konsulent finanzjarju tiegħek jekk jistgħux jgħinuk.
- Tinsiex tinkludi l-ispejjeż okkażjonali (pereżempju, jekk ikollok bżonn issewwi l-karozza tiegħek) u li jkollok riżerva ta' flus għal spejjeż mhux prevedibbli. (eż., biex tibdel apparat domestiku li nkiser).

2

## Ipprijoritizza l-infiq tiegħek u ppjana l-baġit tiegħek

Meta tkun ikkalkulajt l-introjtu u l-ispejjeż kollha tiegħek, tista' taħdem il-bilanċ li jifdallek u tara jekk tistax tħallas l-ispejjeż kollha tiegħek u jibqagħlekx biżżejjed għat-tfaddil. Imbagħad, meta tkun qed tippjana l-baġit tiegħek, l-ewwel stabbilixxi l-prijoritajiet finanzjarji tiegħek: self mal-bank fuq id-dar/kera, gass/elettriku, ikel, kontijiet, eċċ. Wara, iċċekkja kif tista' tħallas l-ispejjeż li jifdal (eż. billi tuża alternattivi aktar affordabbli) u kif tista' tnaqqashom, jekk meħtieġ u jekk possibbli. Dejjem ibbaġitja għall-prijoritajiet tiegħek l-ewwel u mbagħad ippjana l-bqija tal-introjtu tiegħek. Jekk possibbli, uża pagamenti awtomatiċi għal spejjeż fissi. Dejjem immira li tonfoq inqas milli taqla'.

3

## Oqgħod attent għat-tariffi differenti

Ħafna prodotti finanzjarji bħal karti ta' kreditu, kontijiet bankarji, u prodotti tal-assigurazzjoni tal-ħajja, jimponu tariffi. Filwaqt li xi wħud huma inevitabbli, iċċekkja jekk xi tariffi jistgħux jitnaqqsu jew jiġu evitati.

Pereżempju, dejjem staqsi lill-bank tiegħek dwar it-tariffi differenti disponibbli u t-tariffi eżatti li japplikaw għall-kont bankarju tiegħek.

Bl-istess mod, jekk għandek xi investimenti finanzjarji bħal fondi ta' investiment (eż. Impriżi ta' Investiment Kollettiv f'Titoli Trasferibbli (UCITS)), dejjem qabbel l-ispejjeż biex tara jekk hemmx alternattivi orħos disponibbli.

4

## Fittex parir biex tadatta l-pjan finanzjarju tiegħek

Jaf qed tistaqsi kif tista' timmaniġġja l-finanzi tiegħek fi żminijiet ta' inflazzjoni għolja. Tista' tikkunsidra li tikkuntattja konsulent finanzjarju awtorizzat. Jista' jgħinek tieħu deċiżjonijiet aktar infurmati- pereżempju, biex tevalwa l-ħtieġa li taġġorna l-profil tiegħek u tivvaluta mill-ġdid l-adegwatezza tal-investimenti tiegħek; jew f'każ li tkun tixtieq ittemm l-assigurazzjoni tal-ħajja tiegħek aktar kmieni, biex tiżgura li ma tħallasx ħlasijiet ta' penali eċċessivi.

Jekk qed tbati biex tħallas il-pagamenti tas-self tiegħek, ikkuntattja lill-bank tiegħek jew lis-sellief tiegħek mill-aktar fis possibbli biex issib soluzzjoni u potenzjalment tibbenefika minn parir dwar id-dejn. Dan jista' jiffrankalek milli tħallas penali għal pagamenti tard u tevita l-arretrati u l-preklużjoni. Tista' tara wkoll li ma tiffaċċjax restrizzjonijiet jekk tkun tixtieq self ġdid.

5

## Kun af li r-rati tal-imgħax tal-bank ċentrali jista' jkollhom impatt fuqek

Il-banek ċentrali spiss jgħollu r-rati tal-imgħax biex jiġġieldu l-inflazzjoni għolja. Jekk għandek self b'rata varjabbli, dan se jżid il-pagamenti tal-imgħax li jkollok tagħmel. Żomm ruħek aġġornat mal-avviżi tal-banek ċentrali. Dan se jippreparak għal bidliet potenzjali fil-ħlas lura tas-self tiegħek.

# SERVIZZI BANKARJI



## Xi jfissru inflazzjoni għolja u żieda fir-rati tal-imgħax għal self ġdid?



**L-inflazzjoni għolja u żieda fir-rati tal-imgħax jistgħu jagħmlu s-self il-ġdid tiegħek aktar għali u inqas aċċessibbli.**

Meta l-inflazzjoni tkun għolja, ikun hemm żieda sinifikanti fil-prezzijiet tal-prodotti u s-servizzi. Il-bank ċentrali normalment iżidu r-rati tal-imgħax tagħhom biex jindirizzaw l-inflazzjoni u dan jinfluwenza r-rati tal-imgħax imposti mill-bank kummerċjali fuq is-self tiegħek.

Dan ifisser li jeħtieġ li tkun aktar attent/a bi flusek u tevita li tieħu self li jista' jġebbed wisq il-baġit tiegħek. Kun ċert li dejjem se jkollok flus biżżejjed biex tħallas il-pagamenti tas-self tiegħek.

Pereżempju, jekk tixtieq tixtri xi ħaġa kbira, bħal karozza, din se tiswik aktar għax il-prezzijiet tal-karozzi se jkunu ogħla. U jekk teħtieġ self biex tiffinanzja l-karozza tiegħek, se jkollok bżonn tieħu self akbar u tħallas aktar imgħax fuqu. Tista' wkoll tiffaċċja aktar diffikultajiet biex tikseb self minn bank u biex tħallsu lura.



## X'inhu l-impatt tal-inflazzjoni għolja u taż-żieda fir-rati tal-imgħax għal self b'rati tal-imgħax fissi jew varjabbli?



**L-inflazzjoni għolja u ż-żieda fir-rati tal-imgħax jagħmlu s-self b'rata varjabbli tiegħek aktar għoli.**

L-impatt tal-inflazzjoni għolja u taż-żieda fir-rati tal-imgħax fuq pagamenti parzjali bħal self fuq proprjeta', self għal karozzi u self personali jista' jvarja skont it-tip ta' rata tal-imgħax: rati tal-imgħax fissi jew varjabbli.

Jekk għandek self b'rata fissa, dan ifisser li ftehimt mal-bank tiegħek fuq rata tal-imgħax stabbli għal perjodu ta' żmien partikolari. Meta r-rati tal-imgħax jogħlew fis-suq, ir-rata tal-imgħax fuq is-self tiegħek tibqa' l-istess u l-pagamenti tiegħek ma jiżdidux.

Jekk għandek self b'rata varjabbli, ir-rata tal-imgħax fuq is-self tiegħek tiżdied jew tonqos skont ir-rati tal-imgħax fis-suq. Meta l-inflazzjoni tkun għolja, ir-rati tal-imgħax tal-banek jistgħu jiżdiedu. B'riżultat ta' dan, ir-rata tal-imgħax fuq is-self tiegħek se tiżdied ukoll, u inti se tħallas pagamenti ogħla.

## Xi tfisser l-inflazzjoni u ż-żieda fir-rati tal-imgħax għat-tfaddil tiegħi?



**L-inflazzjoni tista' tkun tajba għat-tfaddil tiegħek iżda oqgħod attent għar-rata tal-imgħax reali**

Jekk tfaddal il-flus bħala flus kontanti, dawn la se jiżdiedu u lanqas se jonqsu. Iżda fi żminijiet ta' inflazzjoni għolja, il-poter tal-akkwist tiegħek se tonqos. Dan ifisser li bi flusek ma tkunx tista' tixtri daqs qabel minħabba li l-prodotti jsiru aktar għoljin.

B'kuntrast, jekk tfaddal flusek f'kont ta' tfaddil, fil-prinċipju, tista' tistenna li t-tfaddil tiegħek jikber minħabba li suppost tirċievi ħlasijiet ta' imgħax ogħla mill-bank tiegħek fuq il-kont ta' tfaddil tiegħek. Madankollu, il-benefiċċji ta' kwalunkwe żieda fir-rata tal-imgħax fil-kuntest ta' inflazzjoni għolja mhux neċessarjament ifissru li l-imgħax imħallas mill-bank tiegħek fuq it-tfaddil tiegħek se jkun ogħla. Żomm f'moħħok li l-ammont ta' kumpens spiss ikun aktar baxx mir-rata tal-inflazzjoni u għalhekk ir-rata tal-imgħax reali mhux dejjem tkun pożittiva.

# Erba’ miżuri li tista’ tieħu biex tindirizza l-impatt tal-inflazzjoni u ż-żieda fir-rati tal-imgħax fuq is-self u t-tfaddil tiegħek

## 1 Dejjem qabbel ir-rati tal-imgħax




Qabbel is-self billi tħares lejn ir-rata perċentwali annwali ta’ imposta (RPAI). Din hija r-rata annwali imposta fuq self. Din tqis it-tariffi kollha u spejjeż addizzjonali oħra.

Żomm għajnejk fuq ir-rati tal-imgħax tal-kont ta’ tfaddil tiegħek u qabbel diversi għażliet biex timmaniġġja b’mod proattiv it-tfaddil tiegħek.

## 2 Iċċekkja għall-protezzjoni tad-depożitant




Iċċekkja li t-tfaddil tiegħek qiegħed ma’ bank li huwa awtorizzat fl-UE, minħabba li dan jippermettilek tibbenefika minn protezzjoni tad-depożitant sa EUR 100 000 għal kull persuna f’każ li l-bank tiegħek ifalli.

## 3 Qabbel il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta’ self b’rati tal-imgħax fissi versus rati tal-imgħax varjabbli biex tagħżel l-aħjar għażla għalik meta tieħu self ġdid



### SELF B’RATI TAL-IMGĦAX FISSI

- Is-self b’rata tal-imgħax fissa x’aktarx ikun aktar għoli u inti tista’ tkun marbut b’din ir-rata tal-imgħax għal perjodu ta’ żmien twil. Madankollu, jekk ir-rati tal-imgħax jiżdiedu, il-pagamenti parzjali tas-self ta’ kull xahar tiegħek se jibqgħu l-istess.
- Il-ħaġa t-tajba hija li jekk jaqgħu r-rati tal-imgħax tas-suq, għandek l-għażla li terġa’ tinnegozja mill-ġdid is-self tiegħek jew tittrasferixxih f’bank ieħor jew ma’ fornitur ieħor ta’ kreditu, sabiex tikseb kundizzjonijiet aktar favorevoli fuq self u fuq ħlas lura. Kun af li teħtieġ ftehim mal-bank biex terġa’ tinnegozja s-self u jista’ jkollok tħallas ukoll xi tariffa flimkien mal-ispejjeż l-oħra.

### SELF B’RATI TAL-IMGĦAX VARJABBLI

- Jekk se tieħu self b’rata varjabbli, ikkunsidra bir-reqqa kif il-pagamenti tiegħek ta’ kull xahar jistgħu jiġu affettwati minn żidiet possibbli fil-futur fir-rati tal-imgħax.
- Staqsi lill-bank jew lill-fornitur tal-kreditu tiegħek kif il-pagamenti tiegħek ta’ kull xahar jinbidlu kieku r-rati tal-imgħax kellhom jiżdiedu (eż. ir-rata tal-imgħax titla’ minn 2 fil-mija għal 3 fil-mija). Tkun tista’ taffordja dawk il-pagamenti?

## 4 Agħti attenzjoni partikolari lir-riskji ta’ dejn eċċessiv



Fil-kuntest ta’ inflazzjoni għolja, qabel ma tieħu self, ikkunsidra l-impatt tal-ħlas lura tad-dejn fuq il-baġit ta’ kull xahar/annwali tiegħek u jekk hemmx bżonn li jitnaqqsu spejjeż oħra (fejn possibbli). Iċċekkja l-kapaċità tiegħek li tħallas lura d-dejn tiegħek, tissellifx b’mod eċċessiv, u ħu biss self li tista’ tħallas lura.

Jekk taħseb li se jkollok problemi biex tħallas lura s-self tiegħek, ikkuntattja lill-bank jew lill-fornitur tal-kreditu tiegħek kmieni kemm jista’ jkun biex tfittex soluzzjonijiet. Dan jista’ jiffrankalek milli tħallas penali għal pagamenti tard u minn restrizzjonijiet futuri biex tikseb self ġdid.

# INVESTIMENTI FINANZJARJI



## Xi tfisser l-inflazzjoni għalija bħala investitur?

Għandek tqis l-inflazzjoni fl-istrateġija ta' investiment tiegħek.

L-inflazzjoni tnaqqas il-qligħ reali fuq l-investimenti finanzjarji u tnaqqar il-poter tal-akkwist tiegħek.

L-inflazzjoni u ż-żieda fir-rati tal-imgħax jista' jkollhom effetti differenti fuq tipi differenti ta' strumenti finanzjarji:

> Pereżempju: L-istrument finanzjarju X għandu qligħ nominali ta' 3 % qabel l-inflazzjoni. Jekk l-inflazzjoni hija ta' 5 %: il-qligħ reali huwa negattiv (-2 %) u l-poter tal-akkwist tal-kapital investit taqa' bi 2 %

### ISHMA

L-impatt tal-inflazzjoni u taż-żieda fir-rati tal-imgħax fuq is-suq tal-ishma mhuwiex sempliċi.

Iż-żieda ġenerali fil-prezzijiet tal-prodotti u s-servizzi jista' jkollha impatt fuq il-profitti tad-ditti, u b'hekk taffettwa l-prezz tal-ishma tagħhom fis-suq b'mod pożittiv jew negattiv. Għall-investituri mhux professjonali dan mhuwiex faċilment prevedibbli, minħabba li l-inflazzjoni mhux se jkollha impatt fuq il-prezzijiet tal-ishma tad-ditti kollha bl-istess mod.

### STRUMENTI FINANZJARJI B'RATI FISSI TAL-KUPUN

Jista' jkollok strumenti finanzjarji b'rati fissi tal-kupun. Ħafna bonds tal-gvern jew korporattivi jieħdu din il-forma. Inti se tirċievi:

- pagament perjodiku fiss sad-data li fiha l-istrument jilħaq il-maturità tiegħu (kupun); u
- il-ħlas lura tal-investiment inizjali (valur nominali) mal-maturità

L-inflazzjoni għandha impatt fuq dawn l-investimenti. Mal-maturità, l-ammont riċevut se jkun l-istess matul iċ-ċikli inflazzjonarji, iżda l-poter tal-akkwist ta' dan l-ammont titnaqqas. Fi kliem ieħor, bl-istess ammont tixtri inqas fi żminijiet ta' inflazzjoni.

> Pereżempju: Ejjew ngħidu li bond ta' tliet snin iħallas EUR 1000 kull sena. L-inflazzjoni tfisser li, fit-tielet sena, b'EUR 1000 tixtri inqas mill-ewwel u t-tieni sena.

### STRUMENTI FINANZJARJI B'RATI TAL-KUPUN VARJABBLI

Jista' jkollok strumenti finanzjarji b'rati tal-kupun varjabbli bħal bonds b'rata varjabbli. Se tirċievi:

- pagament varjabbli perjodiku sad-data li fiha l-istrument jilħaq il-maturità tiegħu (kupun); u
- il-ħlas lura tal-investiment inizjali (valur nominali) mal-maturità

Il-valur tal-kupun perjodiku jkun varjabbli, skont diversi fatturi (pereżempju, jista' jkun marbut mar-rati tal-imgħax, l-inflazzjoni, eċċ.).

L-inflazzjoni għandha impatt fuq il-ħlas lura riċevut mal-maturità, li se jkun l-istess matul iċ-ċikli tal-inflazzjoni, iżda l-poter tal-akkwist ta' dan l-ammont titnaqqas. Il-kupun perjodiku se jvarja u jista' jikkontrobilanċja l-effett (jew parti minnu) tal-inflazzjoni. Madankollu, mhuwiex dejjem il-każ li l-bidliet fir-rata tal-kupun se jirriflettu l-livell attwali tar-rati tal-imgħax, u lanqas li se jikkumpensaw ir-rata tal-inflazzjoni.

### FONDI TA' INVESTIMENT

L-investiment f'fondi ta' investiment jagħti aċċess għal portafoll magħmul minn diversi strumenti finanzjarji. L-impatt tal-inflazzjoni u taż-żieda fir-rati tal-imgħax fuq il-fondi ta' investiment jiddependi fuq it-tip ta' fond u l-kompożizzjoni tal-portafoll ta' investiment tiegħu: tipi ta' klassijiet ta' assi, settur ta' attività, eċċ.

# Tliet miżuri li tista' tieħu biex tindirizza l-impatt tal-inflazzjoni u taż-żieda fir-rati tal-imgħax fuq l-investimenti finanzjarji tiegħek

1



## Oqgħod attent għall-qligħ reali tal-investimenti finanzjarji tiegħek

Meta tqabbel l-opportunitajiet ta' investiment jew tanalizza r-riskji u l-benefiċċji potenzjali ta' strument finanzjarju:

- dejjem ikkunsidra r-riskju tal-inflazzjoni u l-effett possibbli li jista' jkollha fuq il-valur reali u l-qligħ reali tal-investiment
- żomm f'moħħok li r-riskju tal-inflazzjoni jiġi flimkien mal-ispejjeż normali tal-investiment fi prodotti finanzjarji bħal: it-tariffi tad-dħul u l-ħruġ u l-ispejjeż tat-tranżazzjoni, eċċ. Qabbel l-ispejjeż tal-investimenti finanzjarji tiegħek u ċċekkja jekk hemmx alternattivi orħos disponibbli

Iċċekkja jew staqsi lill-konsulent finanzjarju tiegħek għal informazzjoni dwar l-ispejjeż u dwar il-qligħ reali netti (wara l-ispejjeż totali + l-inflazzjoni).

2



## Ikkunsidra li tiddiversifika l-investimenti tiegħek

Dejjem żomm f'moħħok il-prinċipji ewlenin tal-investiment:

- li żżomm portafoll diversifikat sew
- li tiżgura li l-investimenti jibqgħu allinjati mal-għanijiet tiegħek

Id-diversifikazzjoni tat-tipi ta' strumenti investiti f'portafoll tista' tiġġenera qligħ għoli biżżejjed biex tikkontrobilanċja l-impatt tal-inflazzjoni.

Portafolli bilanċjati li jinkludu fondi ta' investiment, ishma u bonds jistgħu jgħinu biex wieħed jilqa' kontra r-riskju tal-inflazzjoni:

- L-ishma huma soġġetti għal riskji u varjabbiltà ogħla meta mqabbla ma' bonds, madankollu dawn tipikament jipprovdu qligħ mistennija ogħla, u l-effetti tal-inflazzjoni mhumiex ċari kif ġie spjegat qabel;
- Il-bonds jistgħu jiġu affettwati b'mod aktar dirett mill-inflazzjoni u ż-żidiet sussegwenti fir-rati tal-imgħax, iżda l-prezz tagħhom huwa inqas volatili mill-prezz tal-ishma;
- Li tinvesti f'fondi ta' investiment, bħal Impriżi ta' Investiment Kollettiv f'Titoli Trasferibbli (UCITS), jista' jgħin fid-diversifikazzjoni tal-portafoll tiegħek. Dawn l-istrumenti mhux biss jeliminaw il-ħtieġa li jintgħażlu ishma jew bonds individwali, iżda joffru wkoll kopertura għal klassijiet ta' assi ewlenin u setturi ekonomiċi differenti, skont il-kompożizzjoni tal-portafoll ta' investiment tagħhom.

3



## Fittex parir biex tadatta l-investimenti tiegħek

Konsulent finanzjarju jista' jgħinek tieħu deċiżjonijiet aktar infurmati.

Bħala investitur, jekk għandek dubji dwar kif l-inflazzjoni jista' jkollha impatt fuq l-investiment finanzjarju tiegħek, iddiskuti ma' konsulent finanzjarju awtorizzat. Matul il-perjodi inflazzjonarji, tista' tikkuntattja konsulent finanzjarju li jevalwa l-ħtieġa li jaġġorna l-profil tiegħek u jivvaluta mill-ġdid l-adegwatezza tal-investimenti tiegħek.

# ASSIGURAZZJONI/ PENSJONIJIET



## Xi tfisser l-inflazzjoni għall-assigurazzjoni u l-pensjoni privata tiegħi*?

**L-inflazzjoni tista' tħalli impatt fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħek u tnaqqas il-poter tal-akkwist tiegħek issa u fuq terminu twil**

Ikkunsidra sew l-għażliet tiegħek qabel ma tieħu deċiżjonijiet importanti dwar il-prodotti tal-assigurazzjoni u tal-pensjoni privata tiegħek (eż.: temporanjament tieqaf tħallas kontribuzzjonijiet għall-pensjoni tiegħek jew għall-prodott tal-assigurazzjoni tal-ħajja tiegħek, ma ġġeddidx prodott tal-assigurazzjoni jew ittemm il-prodott ta' investiment ibbażat fuq l-assigurazzjoni tiegħek kmieni), minħabba li dawn id-deċiżjonijiet jistgħu wkoll ikollhom impatt fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħek issa u fil-futur.

Huwa importanti li jkollok idea ġenerali tal-poloz tal-assigurazzjoni li għandek u ta' dak li jkopru, qabel ma tieħu deċiżjonijiet dwarhom. Żomm f'moħħok li l-prezz tal-prodott ta' assigurazzjoni mhuwiex neċessarjament l-aktar fattur importanti.

Ikkunsidra li tfittex għajnuna/parir. Tabilħaqq, li tfittex parir dwar il-prodott tal-assigurazzjoni tiegħek jista' jgħinek tikkunsidra l-ħtiġijiet attwali u futuri tiegħek u l-konsegwenzi potenzjali ta' deċiżjoni (eż. tariffi ta' penali għal tmiem bikri ta' polza, l-ebda kopertura tal-assigurazzjoni adegwata għad-dar/karozza tiegħek).

## Kif tista' l-inflazzjoni taffettwa l-prodott tal-assigurazzjoni tal-ħajja jew il-pensjoni privata tiegħi?

**L-inflazzjoni tista' tfisser li l-investimenti tiegħek ikunu inqas profittabbli għalik**

Dan jista' jwassal biex ikollok inqas introjtu nett issa jew fil-futur abbażi tal-qliegħ fuq l-investimenti tiegħek u l-pensjoni privata.

Pereżempju, meta titlaq jew tirtira, l-ammont li tkun ġemmajt fil-fond tal-pensjoni tiegħek, irrispettivament minn kemm tkun ikkontribwejt, jista' ma jiġix aġġustat għar-rata tal-inflazzjoni: il-poter tal-akkwist tiegħek tista' għalhekk titnaqqas.

Jekk tiddeċiedi li ċċedi l-assigurazzjoni tal-ħajja tiegħek kmieni jew temporanjament ma tibqax tħallas il-primjum meta jasal, minħabba l-ħtiġijiet finanzjarji immedjati tiegħek, jista' jkollok tħallas tariffi ta' penali u jista' jkollok inqas dħul jew tfaddil fl-irtirar jew aktar tard fil-ħajja.

## Jekk għandi prodotti tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja bħall-assigurazzjoni tad-dar jew tal-karozza, kif tista' l-inflazzjoni tħalli impatt fuq dawk il-prodotti?

**L-inflazzjoni tista' taffettwa l-ispejjeż tal-assigurazzjoni tiegħek (il-primjums tiegħek), il-kopertura tiegħek u l-ħlas li tirċievi għall-"claim".**

Pereżempju, minn sena għal oħra, il-primjum tal-assigurazzjoni tal-karozza tiegħek jista' jiżdied b'mod sinifikanti, b'mod partikolari minħabba ż-żieda fl-ispejjeż tat-tiswijiet tal-karozza.

F'xi każijiet, l-inflazzjoni jista' jkollha impatt dirett fuq jekk il-kumpens għal kwalunkwe telf kopert mill-polza tiegħek huwiex biżżejjed għall-ħtiġijiet tiegħek. Ħares lejn l-assigurazzjoni tad-dar bħala eżempju. F'każ ta' "claim", il-ħlas mill-polza tiegħek jista' ma jkunx biżżejjed biex ikopri l-ispejjeż tal-materjali għat-tiswijiet jew għall-bini mill-ġdid tad-dar tiegħek kollha jew ta' partijiet minnha.

* N.B. F'din l-iskeda informattiva, il-pensjonijiet tal-istat mhumiex koperti. Pensjoni privata tirreferi għall-pensjonijiet fuq il-post tax-xogħol u dawk personali.

# Tliet miżuri li tista’ tieħu biex tindirizza l-impatt tal-inflazzjoni u taż-żieda fir-rati tal-imgħax fuq il-prodotti tal-assigurazzjoni u l-pensjonijiet privati tiegħek

## 1 Għat-tipi kollha ta’ prodotti tal-assigurazzjoni u pensjonijiet privati, evita li tieħu deċiżjonijiet mgħaġġla



Oqgħod attent milli tħalli perjodu ta’ prezzijiet li qed jogħlew jiddetta d-deċiżjonijiet tiegħek dwar jekk għandekx tixtri prodotti tal-assigurazzjoni essenzjali, bħal assigurazzjoni tad-dar. Xi drabi, il-konsegwenza li ma tagħmilx dan jista’ jwassal għal eżiti aktar riskjużi milli tkun bsart:

Għalhekk, tqabbilx biss il-prezzijiet, iżda qabbel ukoll il-kopertura. Sib il-polza t-tajba għall-ħtiġijiet tiegħek.

Żomm f’moħħok li qabel ma tieħu deċiżjoni importanti dwar il-prodotti tal-assigurazzjoni tiegħek, tista’ tikkunsidra li tfittex parir mingħand il-konsulent finanzjarju tiegħek.

Il-pensjonijiet privati għandhom orizzont fit-tul. Żomm f’moħħok li jekk tfaddal inqas issa biex ikollok introjtu aktar immedjat, ifisser inqas pensjoni fil-futur, li tista’ ma tkunx biżżejjed għall-ħtiġijiet tal-irtirar tiegħek.

## 2 Għal prodotti tal-assigurazzjoni tal-ħajja u pensjonijiet privati, adotta perspettiva fit-tul



M’għandekx tħares biss lejn l-impatt fuq perjodu ta’ żmien qasir ta’ inflazzjoni għolja, iżda kkunsidra li fuq perjodu ta’ żmien twil is-sitwazzjoni se tinbidel

Huwa importanti li żżomm f’moħħok li polza tal-assigurazzjoni tal-ħajja li hija prodott ta’ investiment ibbażat fuq l-assigurazzjoni normalment tinxtara b’perspettiva ta’ investiment għal perjodu ta’ żmien medju sa twil.

- Tiħux deċiżjonijiet mgħaġġla bbażati biss fuq ir-rata attwali tal-inflazzjoni.
- Il-valur ta’ xi investimenti jista’ jvarja maż-żmien minħabba bidliet frekwenti fis-swieq finanzjarji
- Żomm f’moħħok li l-valur tal-lum mhuwiex il-valur ta’ għada.

Jekk tavviċina konsulent finanzjarju għal parir, żomm f’moħħok dan li ġej:

- Il-konsulent finanzjarju huwa meħtieġ bil-liġi li jaġixxi dejjem b’mod onest, ġust u professjonali filwaqt li jżomm f’moħħu l-aħjar interessi tiegħek.
- Il-konsulent finanzjarju għandu jgħinek tagħmel għażla infurmata meta tixtri polza tal-assigurazzjoni tal-ħajja jew tinvesti aktar flus f’waħda eżistenti.
- Jekk diġà qed toqrob lejn l-irtirar u qed tikkunsidra li tixtri vitalizju, tista’ tikkunsidra wkoll annwalità marbuta mal-inflazzjoni, li se tipproteġi l-annwalità tiegħek kontra l-inflazzjoni. Dan il-prodott se jibda b’rata ħafna aktar baxxa, iżda se jgħinek tevita kwalunkwe riskju ta’ inflazzjoni fil-futur.
- Jekk tingħata l-parir biex tinvesti f’firxa ta’ tipi differenti ta’ assi biex tikseb qliegħ ogħla u tegħleb l-inflazzjoni għolja, staqsi lill-konsulent finanzjarju tiegħek dwar it-tip ta’ tariffi li trid tħallas u dwar ir-riskji.

## 3 Adatta l-kopertura tiegħek għal prodotti ta’ assigurazzjoni mhux tal-ħajja



Jekk għandek bżonn tiffranka l-flus, minflok ma tiddeċiedi li ma ġġeddidx polza eżistenti, tista’ tikkunsidra:

- Tagħżel biss l-aktar kopertura essenzjali.
- Iżżid ir-rata tal-”excess” tal-polza (dan huwa l-ammont ta’ flus li inti taqbel li tħallas għall-ispejjeż globali ta’ kwalunkwe “claim”).
- Iċċekkja jekk intix diġà kopert għall-istess riskju taħt polza differenti (inklużi l-karti ta’ kreditu);

Ara x’hemm fis-suq u qabbel il-kwotazzjonijiet minn fornituri tal-assigurazzjoni differenti, iżda oqgħod attent li ma tiddeċidix biss abbażi tal-prezz; Iċċekkja t-tipi ta’ kopertura offruti.

© EBA, EIOPA, ESMA, 2023 | Illustrations © Kate3155- stock.adobe.com
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.
Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023
ISBN 978-92-9245-823-2 doi:10.2853/42446 DZ-09-23-050-MT-N